6 ta' Marzu, 1950.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Antonio Camilleri *versus* Perit Carmelo Micallef, A. & C.E., ne.

**Triq — Danni — Impjegati tal-Gvern — "Culpa in Eligendo" — Art. 1080 tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'materja ta' triqat u ta' drittijiet tal-proprjetarji fronteġġjanti t-triqat u l-pjazez publici, meta jiġu operati xi mutamenti fuq l-istess triqat jew pjazez, iċ-ċittadini privati li jkollhom dik il-proprietà ma jistgħux jindaħlu lill-Gvern li fl-interess ġenerali jidhirlu li għandu jagħmel dawk il-mutamenti; però huwa ekwu li*

*l-Gvern jirrikompensahom għad-deprezzament jew danni li ssofri l-proprietà kontigwa ma' dawk il-mutamenti, meta d-deprezzament jew il-dannu jkunu ta' xi rilevanza. Imma fil-fissazzjoni ta' dak il-kumpens għandu jiġi kunsidrat anki xi vantaġġ li jidderiva lil dik il-propjetà bis-saħħa ta' dawk il-mutamenti.*

*Il-Gvern mhux responsabili għad-danni talvolta kaġunati mill-impjegati tiegħu ħlief bil-"culpa in eligendo", jiġifieri illi meta huwa jimpjega persuna kompetenti, jew li ma għandux jaħseb li hija inkompetenti, ma jkunx responsabili għad-danni kaġunati minn dik il-persuna minnu impjegata.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, peress illi fis-sena 1944 l-attur per mezz tal-konvenut Carmelo Sapiano, bennej, bena erba' "garages" f'Shepherds' Street, Rabat, kantuniera ma' St. Catherine Street; u peress illi, skond ma hu ġie assikurat mill-istess konvenut Sapiano, il-bini tala' fuq il-linja u fuq il-livelli ndikati u mogħtiin mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi; u peress illi issa l-konvenut Perit Micallef nomine qiegħed jinsisti illi t-triq Shepherds' Street, fejn tgħaddi quddiem il-garage tiegħu, għandha tiġi formata b'livell ta' ċirka żewġ piedi u nofs aktar baxx mill-livell tal-bini tiegħu; u peress illi b'hekk l-attur jiġi jsofri danni u preġudizzju konsiderevoli; u peress illi fuq protest li sar lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, dan id-Dipartiment allega illi qiegħed jinsisti fuq id-direttivi li ġew mogħtijin sa mill-bidu nett rigward il-livell tat-triq; u peress li la l-Gvern u lanqas il-konvenut Sapiano ma setgħu jew ma riedu jagħtuh ebda prova ta' l-allegazzjonijiet li għamlu, b'mod illi huwa ma huwiex f'pożizzjoni li jaf jekk fil-fatt il-livelli tat-triq imbidlu jew jekk il-bini tela' fuq livell ogħla minn dak dirett mill-Gvern; talab li l-Onorabbli Qorti tiddeċidi u tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom, huma responsabili għad-danni sofferti mill-attur minħabba r-riżultanti dislivell tat-triq mal-bini tiegħu fuq imsemmi, billi ċioè, fil-każ illi l-Gvern biddel il-livell oriġinarjament mogħti, jiġi dikjarat responsabili għad-danni l-Perit Micallef nomine, u billi, fil-każ li l-bini sar sa mill-bidu fuq livell ogħla minn dak oriġinarjament mogħti mill-Gvern, jiġi dikjarat responsabili għad-danni l-konvenut

Carmelo Sapiano bħala bennej inkarigat minnu. Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-protest tal-24 ta' Jannar 1948, kontra l-konvenuti jew min minnhom skond il-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 1949 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha dik il-Qorti qatgħet u ddeċediet billi ddikjarat lill-konvenut Sapiano biss responsabili għad-danni sofferti mill-attur, u ċaħdet it-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Micallef nomine, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Sapiano, barra minn dawk tal-konvenut Micallef nomine li għandhom jiġu sopportati mill-attur; billi kkunsidrat;

Illi d-domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni tirrigwarda dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-konvenuti jew ta' min minnhom għad-danni sofferti mill-attur minħabba r-riżultanti dislivell tat-triq imsemmija; fil-każ illi l-Gvern biddel il-livell oriġinarjament mogħti lill-istess attur, talab li jiġi dikjarat responsabili l-konvenut Perit Micallef nomine, u fil-każ li jirriżulta li l-bini sar mill-bidu fuq livell ogħla minn dak oriġinarjament mogħti mill-Gvern jiġi dikjarat responsabili l-konvenut Sapiano bħala l-imgħallem inkarigat mill-attur;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-attur per mezz tal-konvenut Sapiano bena erba' garaġijiet fuq Shepherds' Street, ir-Rabat, fl-annu 1943 jew 1944 ċirka. L-aditu jew aċċess għal dawn il-garaġijiet, kif ukoll il-pjan tagħhom, jinsab għola mill-livell tat-triq imsemmija ċirka żewġ piedi u nofs, b'mod li l-attur ried ta' bilfors jinkorri spiża sabiex ibaxxi l-paviment u d-dħul tal-garaġijiet sabiex ikun jista' jagħmel użu minn dawk ir-remissi, il-għaliex l-istess ma jkunux jistgħu jiġu użati għall-użu li għalihom huma destinati jekk ma jsirx dak ix-xogħol, li l-partijiet jaqblu li jimporta spiża da parti ta' min irid ikun kostrett jagħmilha. L-attur jattribwixxi dana l-istat ta' affarijiet għalib dannuż għall-azzjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi rappreżentat mill-konvenut Micallef, billi qal li l-konvenut Sapiano, l-imgħallem li għamel ix-xogħol, qallu li l-livellazzjoni tat-triq tbiddlet mill-Gvern wara li dan l-aħħar kien tah il-livell; mentri l-konvenut Micallef jinnega dina l-affermazzjoni;

Illi fid-dritt jingħad illi fil-materja tad-drittijiet tal-proprjetarji fronteġġjanti t-triqat jew pjazez pubbliċi, meta jkun

hemm mutamenti li jkunu operati fuq l-istess triqat u pjazez. id-dottrina hija xissa ċirka jekk il-proprjetarji fronteġġjanti għandhomx jew le dritt għar-riżarċiment tad-dannu: imma dina l-Qorti, fuq l-awtorità tal-Gabba (ara Annali, Volume V. 1871, Parte III, Rivista di Legislazione e di Giurisprudenza. Monografia nr. 11), u tas-sentenza tagħha Prim'Awla Ċivili 17 ta' Mejju 1902, in re "Francesco Camilleri vs. Lorenzo Gatt ne.", Volum XVIII, P. II, paġina 171, hija ta' l-opinjoni ferma, radikata fuq il-fidi publika, ekwità u nteress ġenerali tal-konsoċjati, u b'mod speċjali tal-ġustizzja distributiva, illi għalkemm iċ-ċittadini privati li jkollhom beni fronteġġjanti triq publika li tidħol taħt id-dominju publiku, ma jistgħux jindaħlu lill-Gvern jekk dana fl-interess ġenerali jidhirlu li għandu jopra xi mutamenti fuqha, eppure kwalunkwe deprezzament li b'dak il-mutament jiġi arrekat lill-proprjetà kontigwa għal dik it-triq jew pjazza, jew kwalunkwe terren demanjali użat mill-pubbliku jew għall-użu tal-publiku, in vista tal-ġustizzja distributiva li għandha tippresjedi fir-relazzjonijiet tas-soċjetà mas-singoli individwi, għandu jiġi ġustament u ekwament kompensat, jew aħjar jagħti lok għal dritt ta' kumpens fil-persuna jew persuni hekk danneġġjati. Meta ngħidu "ġustament u ekwament kompensat" irridu nfissru li d-deprezzamenti tal proprjetà privata li fuqhom tkellimna jridu jkunu ta' xi rilevanza sabiex isorġi d-dritt għall-otteniment tal-kumpens. Fil-verità, kif jgħid maġistralment il-Professur Salvatore Marchesa fl-opuskolu tiegħu intitolat "Se può competere ai proprietari fronteggianti le strade pubbliche nel caso in cui sia da una amministrazione comunale cambiato il livello delle medesime" (Catania, Gelatola 1868), ma nistgħux ninsew li d-deprezzamenti li fuqhom qegħdin niddiskutu huma dejjem akkompanjati minn vantaġġi li l-proprjetarji kontigwi jottjenu, jew aħjar jħossu, mill-miljoramenti li jkunu ġew introdotti fit-triqat jew pjazez publiċi; u jekk aħna ma nistgħux ngħidu li in vista ta' dina l-konsiderazzjoni lill-proprjetarji danneġġjati għandu jiġi fi kwalunkwe każ negat id-dritt ta' l-indenizz, mill-banda l-oħra ma nistgħux ma nikkonoxxux il-fatt li, meta mill-mutament ikun hemm xi vantaġġ, dana l-istess vantaġġ għandu jiġi kalkolat sabiex jikkompensa r-riżarċiment dovut. Fi kliem ieħor, jekk il-mutament iġib xi dannu lill-

proprjetarji fronteggjanti u mili-banda l-ohra jgib xi vantagg, il-valur tal-vantagg jista' jigi kalkulat sabiex jikkompensa "in toto" jew "in parte" l-valur tad-danni li jkun sar bl-istess mutament;

Illi, wara li gie premess dan li ntqal, jingħad li fil-fatt il-Gvern, qabel l-annu 1939 biddel il-gradjent tat-triq "de quo agitur" minn kif originarjament kien indikat; imma l-attur bena u tella', per mezz tal-konvenut Sapiano, il-bini tiegħu li fuqu jew dwaru jilmenta li sofra dannu, wara dik il-modifikazzjoni, b'mod li ma jistax jingħad li l-attur irradika ebda dritt ta' kumpens, u konsegwentement dritt li jottjeni dikjarazzjoni ta' responsabilità għad-danni minħabba dik il-modifika; u kwindi fuq dina, u limitatament għal dina l-kawżali, it-tezi tiegħu mhux assolutament sostenibili kontra l-konvenut Micallef nomine, il-għaliex l-ebda bini ta' l-attur ma kien jeżisti meta sar il-mutament—l-unika kontingenza li kienet fiha tirradika drittijiet kontra l-istess Micallef nomine għal xi kumpens fuq il-bażi li ntqalet fuq;

Illi, riżoluta din il-kwistjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tiddiskuti l-kwistjoni sollevata mill-konvenut Sapiano, u ċjoè li għad-danni sofferti mill-attur huwa mhux responsabili, in kwantu li huwa bena fuq il-livelli ndikati u mogħtija mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi; fi kliem ieħor, li r-responsabilità se mai hija tal-konvenut Micallef nomine, in kwantu li l-garaġijiet "de quo agitur" gew mibnija f'livell għola mit-triq il-għaliex il-livell li huwa bena fuqu gie lilu mogħti mill-istess Awtorità. Dina l-oppożizzjoni tnissel magħha l-ammissjoni mill-parti tal-konvenut Sapiano tal-fatt dannuż lamentat mill-attur, fis-sens li l-istess garaġijiet jinsabu mibnija fi pjan ogħla minn dak tal-formazzjoni kif għandha tkun tat-triq "de quo", illi huwa dannuż għall-istess attur;

Illi jirriżulta, u jingħad qabel xejn, li meta l-konvenut Sapiano gie biex jiehu l-linja u l-livell huwa kien diġà għamel il-pedamenti, u kien wasal biex jagħti l-qatran kif trid il-liġi. L-istess Sapiano jammetti li fejn telgħu l-garaġijiet huwa blat ma qatax, il-għaliex ma kienx hemm bżonn, għalkemm qal ukoll li f'dik it-triq kien hemm blat varjanti bejn it-tliet filati u filata waħda. Jirriżulta wkoll li x-xhud Anastasi, impjegat tal-Gvern fid-Dipartiment li f'dina l-kawża huwa rappreżentat

mill-konvenut Micallef, ta l-linja u l-livell lill-konvenut Sapiano, kif dan l-aħħar qal quddiem l-ingħallem tiegħu, li ma giex prodott fil-kawża biex jixhed. Fuq x'kienu d-direttivi taxxhud Anastasi hemm divergenza bejn dak li jgħid dak ix-xhud u l-konvenut Sapiano, u l-istess ma jistgħux bħief jiġu ċċarati mill-fattijiet eżistenti fuq il-valutazzjoni tal-provi ta' dawk ix-xhieda. Jibqa' dejjem veru, però, li l-konvenut Micallef personalment ma hux parti f'dawk id-direttivi u li huwa ma hux ċitat personalment fil-kawża. Jirriżulta wkoll li meta bena l-attur, it-triq ma kienetx formata għalkemm kienet ippjanata; imma quddiem il-bini fejn bena l-attur kien hemm bini ieħor antik li bit-tbiddil tat-triq in parola ma ġiex affettwat;

Illi dawn il-fattijiet imisslu magħhom il-kwistjoni tar-responsabilità tal-Kuruna għad-danni li jkun ġie kaġunat lillprivati minn impjegati tagħha; il-għaliex, ammessa "gratia argumenti" l-informazzjoni allegata, it-teżi tal-konvenut iġġibna għal dik il-kwistjoni, in kwantu li huwa ried isostni li l-konvenut Micallef nomine (u mhux personalment) se maj huwa responsabili għad-danni ta' l-attur in kwantu l-linja u l-livell li impjegat fid-Dipartiment imsemmi ta lilu;

Ma hemmx bżonn jingħad li bejn dina l-kwistjoni u l-kwistjoni l-oħra esposta dwar ir-responsabilità tal-Kuruna għall-kumpens hemm differenza kbira. Infatti hemm id-differenza tal-prinċipji li ż-żewġ kwistjonijiet huma fuqhom regolati, kif ukoll id-diversi differenza fin-natura tar-rapport ġuridiku involut. Tabilħaqq il-kwistjoni tar-responsabilità tal-Kuruna timplika diversi rapporti, ċjoè r-responsabilità li titnissel minn kuntratt, dik diretta mill-attijiet ta' l-amministrazzjoni per mezz ta' l-organi tagħha sabiex tottjeni l-iskop tagħha, u r-responsabilità indiretta li titnissel mill-attijiet personali ta' l-impjegati ta' l-amministrazzjoni publika;

Eskluż fil-każ in diżamina l-ewwel rapport, għal raġunijiet evidenti li mhux il-każ li nitkellmu fuqhom, u mqiegħed fil-ġenb it-tieni rapport li ma jirrikorrix fil-fatt in eżami, jingħad dwar it-tielet rapport illi skond il-ġurisprudenza tagħna l-istess gie deċiż dejjem in bażi ta' l-art. 1080 tal-Kodiċi Ċivili, li jiddetta u jgħid li meta persuna, għal xi xogħol jew servizz li jkun, jimpjega persuna oħra li mhix kom-

petenti. jew li huwa kellu motiv raġjonevoli biex jaħseb li mhix kompetenti, dik il-persuna tkun responsabili għad-danni li l-impjegat tiegħu jkun ġieb lil terzi persuni; fi kliem ieħor, ġie kanonizzat il-prinċipju tal-"culpa in eligendo";

Illi fuq l-iskorta ta' dawna l-prinċipji jingħad illi l-konvenut Micallef, la fil-kwalità li ġie mħarrek u lanqas personalment, jingħad inċidentalment, ma jistax ikun tenut għad-danni għas-servizz ħażin, ammess, "gratia argumenti" biss li kien ħażin, ta' impjegat tad-Dipartiment tiegħu, l-għaliex personalment huwa ma kellu l-ebda parti, almenu ma ġiex pruvat li kellu, fil-għażla ta' dak l-impjegat; u anki l-għaliex ma ġiex pruvat li meta lil daka l-impjegat il-Kuruna daħħlitu fis-servizz għażlet persuna inkompetenti, jew li kellha motiv raġjonevoli validu biex taħseb li huwa ma kienx kompetenti;

Illi kwindi fuq dana l-pont id-difiża ta' Sapiano taqa';

Illi dwar ir-responsabilità tal-konvenut Sapiano jingħad li dan l-aħħar imsemmi jgħid li huwa għamel ix-xogħol ta' l-elevazzjoni fuq li qallu x-xhud Anastasi, mentri dan l-aħħar imsemmi jsostni li Sapiano ma osservax id-direttivi tiegħu u għamel il-bini fil-għoli aktar. Il-konvenut Sapiano ġieb żewġ xhieda waqt il-kors tal-kawża sabiex isostni li x-xhud Anastasi tah il-linja u l-elevazzjoni li fuqha bena fuq posti tal-ġebel; però jista' jingħad minn issa li dawk iż-żewġ xhieda ma tantx ta' min joqgħod fuqhom, għaliex urew li qegħdin ihalltu l-posti tal-linja mal-għoli; u d-depożizzjonijiet tagħhom ma huma xejn ċari. Jirriżulta wkoll li Sapiano kellimhom qabel il-kawża............; illi jibqa' kwindi fuq dana l-pont iż-żewġ depożizzjonijiet tal-konvenut Sapiano u x-xhud Anastasi................ Kieku jingħad, għall-grazzja ta' l-argument, li x-xhud Anastasi erroneament lill-konvenut Sapiano tah għoli ħażin, kien ikun dmir ta' Sapiano, bħala espert bennej, jurih fuq dak l-istess bini antik li huwa kien qiegħed jiżbalja, u mhux itella' l-bini fuq il-linja li huwa kien u seta' jkun jaf, se maj, li hija żbaljata. Dana l-fatt fiżiku u pożitiv jikkonferma t-teżi sostnuta mix-xhud Anastasi illi huwa, meta ta l-linja lill-konvenut Sapiano, qallu biex jimxi fuq il-bini l-antik li semma u li kien diġà jeżisti

fuq l-istess triq, u li Sapiano jew l-imghallem tieghu, **skond** ix-xhud Anastasi, ma segwiex;

Illi kwindi l-konvenut Sapiano ghandu, in vista tal-provi, ikun dikjarat responsabili tad-danni li sofra l-attur ghall-ghoti tad-dhul u tal-livell ta' l-art tal-garaġijiet in kwistjoni mit-triq imsemmija;

Illi l-meritu jissuggerixxi temperament fl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-konvenut Carmelo Sapiano, li biha dana appella minn dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Rat il-petizzjoni ta' dak Carmelo Sapiano, li talab li s-sentenza fuq imsemmija tat-3 ta' Ottubru 1949 tiġi revokata, billi jiġi dikjarat u deċiż illi huwa ma ghandux ikun tenut responsabili tad-danni, u jiġu ghalhekk rigettati d-domandi ta' l-attur in kwantu diretti kontra tieghu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kum il-kawża tinsab limitata ghal bejn l-appellant ... ghax bis-sentenza appellata l-konvenut Micallef nomine ... mir-responsabilità tad-danni; u peress li ebda appell ma sar minn dak il-kap li ġie deċiż favur dak Micallef nomine, dik il-parti tas-sentenza saret "res judicata";

Illi fl-aċċess il-Qorti ikkonstatat li quddiem il-garaġijiet ta' l-attur fin-naha l-ohra tat-triq hemm bini iehor bil-kantina, u mill-provi rriżulta li dak il-bini sar qabel ma nbnew il-garages. Bejn dak il-bini u l-garages hemm disliveli ta' xi tliet filati;

Illi mix-xhieda ta' Anastasi rriżulta ċar li Sapiano kien irċieva d-direttivi fuq il-livell tat-triq, fis-sens li dana kellu jkun ekwivalenti ghal-livell tal-bini li kien ġà lest u eżistenti f'dik it-triq. U dana huwa naturali, ghaliex li ma kienx hekk, it-triq kienet tiġi bilfors maqluba b'mod mill-aktar ikrah. Ix-xhieda Bugeja ma ghadu jghidu xejn fuq l-ghoti tal-livelli lil Sapiano, u lanqas biss li ġiet moghtija l-linja bil-ġebla, minghajr ma eskludew li ġie moghti wkoll il-livell. U tabilhaqq, jekk il-livell kellu jkun u ġie ordnat li jkun bhal dak tal-bini li kien ġà hemm, xejn ma kien hemm bżonn li l-livell jiġi fissat bil-ġebla, ghax il-bini kien biżżej-

jed, u s-sens komun stess kien jissuġġerixxi li dak kellu jkun il-livell tat-triq, biex it-triq tiġi pjana.............. Intant lanqas kien possibili li Anastasi jmur jagħti livell ħażin u bħal dak li fixqu bena l-appellant, għax il-livell tat-triq kien ġà ġie stabbilit mill-Public Works Department fuq il-pjanti dipartimentali. Intant għall-ewwel li xehed Sapiano lanqas seta' jeskludi li Anastasi tah livell fuq il-bini li ġà kien hemm. Evidentement il-ġebla li semmew ix-xhieda Bugeja kienet inżiża għal kantuniera minħabba l-linja biss; u dak iż-żmien Sapiano ġa kien beda x-xogħol;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti miġjuba fis-sentenza appellata, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell tal-konvenut Sapiano u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha; bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant.

---